MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 582/2005

**HSBC Malta plc**

**vs**

**Dr. Vincent Galea u PL Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrraprezentaw lill-assenti Terence Zammit Mckeon u b`nota tar-registratur tal-Qrati gie nominat Dr. Mark Busuttil bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Terence Zammit Mckeon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fl-20 ta` Gunju, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta` tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u disgha u erbghin

centezmu (Lm832.49), kwantu ghal seba` mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm777.45) sorte u hamsa u hamsin lira Maltin u erba` centezmi imghaxijiet ikkalkolati sa l-20 ta` Mejju, 2005, somma dovuta wara li l-Bank tilef dan l-ammont fuq Visa u Euro Card (Dok. A).

Il-konvenut huwa wkoll debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta` erba` t`elef, tmien mija u tlett liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm4,803.49), kwantu ghal erba` t`elef mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4,197.25) sorte u sitt mija u sitt liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm606.24) imghaxijiet ikkalkolati sa l-20 ta` Mejju, 2005, somma dovuta fuq facilita` ta` self (Dok. B).

Ghalhekk is-somma komplessiva dovuta mill-konvenut a favur tas-socjeta` attrici tammonta ghal hamest elef sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm5,635.98).

Il-konvenut ghalkemm debitament interpellat biex ihallas l-ammont dovut minnu baqa` ma hallasx.

Dan id-debutu huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta` l-Artikolu 167(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Taqta` u tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta` l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` Lm5,635.98, liema ammont huwa dovut kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittri bonarji tas-7 ta` Jannar, 2003, 15 ta` April, 2003, 10 ta` Gunju, 2003, 11 ta`

Dicembru, 2003 u 14 ta` Lulju, 2004, u ta` l-ittri ufficjali tat-26 ta` Gunju, 2002 u 26 ta` Marzu, 2004 kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri mill-20 ta` Mejju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-28 ta` Ottubru, 2005, li in forza tieghu inhatru l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi sabiex jirripprezentaw lill-konvenut li irrizulta assenti minn dawn il-gzejjer;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-27 ta` Jannar, 2006, li in forza tieghu ordnat li jigi mahtur kuratur iehor ghal Dr. Vincent Galea;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti li in forza taghha l-Avukat Dottor Mark Busuttil inhatar kuratur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li in forza taghha eccepew:

1. Huma m`humiex edotti mill-fatti u ghalhekk, qed jirrizervaw li jippresentaw lill-eccezzjonijiet f`stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda tal-bank attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta mill-provi mhux kontradetti li l-konvenut kien ha self minghand is-socjeta` attrici, u bl-imghax ikkalkolat sal-20 ta` Mejju, 2005, ghad fadal bilanc ta` Lm4,803.49 li l-

konvenut naqas li jirrifondi. Oltre dan, il-konvenut kellu l-facilita` ta` uzu ta` Visa u Euro Card mahruga mill-bank attur, u bl-uzu ta` dawn il-cards, il-bank hu skopert fis-somma ta` Lm832.49, bl-imghax ikkalkolat ukoll sal-20 ta` Mejju, 2005.

Kwindi, it-talba tal-bank attur ghal hlas tas-somma komplessiva ta` Lm5,635.98, piu` imghaxijiet ulterjuri, timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-tieni talba attrici kif dedotta, billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta` Lm5,635.98 (hames t`elef, sitt mija u hamsa u tletin liri Maltin u tmienja u disghin centezmu), bl-imghax legali mill-21 ta` Mejju, 2005, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha kif mitluba jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------